# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

## Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh

**IMBIERECH MIL PAPA LEONE XIII.**

*Jen ir-raghai tajieb: u 'ngharaf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplenae promovendae operam navatis... Apostolicam Benedictionem, auspicem coelestium gratiarum impartimus Omnibus pro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' oħra tal 25 ta Ottubru 1884

*Min irid jissieħeb* iħallas Hames soldi cull sitt xuhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieħ imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

**It-Disa Sena** **1887** **Nu. 12 Decembru**


## VIVA LEONE XIII

Uaslet il festa tal Papa, li figha jaghlak 50 sena li ilu ikaddes. Id-digna colla uriet ruħa bil ferħ u fill ki ma li ghanda lein il Papa.

L'insara ghaliex uliedu, u dauch li mumiex insara ghaliex rau chem jisua il Papa, colla tauħ kima u giħ chif jistħokklu.

Meta tara l' istess Sultan ta 't-toroch jibghatlu ir-regali, meta tara l' imperatur tal Giappone jibghat em ambaxatur apposta min Parigi, jifirħu lill Leone XIII!

U jistħokklu cull giħ il Vicariu ta Gesù Cristu, u il Papa Leone ghandu zelu uisk cbir u ta min iħobbu u jaghmel ghalieħ chem jista.

Ua li esalta lill Maria Santissima b' id-devozioni li nventa billi ordna ir-Rusariu.

Ua ghakkes bill ghainuna t' Alla u bit-talb lill Maria Santissima, ghacches il ghedeuua. il Masoneria illi chienet seira tieħu id-digna colla taħt ideiha.

Ua gighel li fil Germania titħol u tghammar il paci tal cnisia u issa l' insara ghandom il-libertà u il cnisia emm ħadet ħueijgia.

Ua gieb il paci fost tant cbarat u regnanti chif raina ftit ilu illi Spagna u Germania bakghou ghad-decisioni tighu.

Ua ghamel tant conversionijet fost il Ghrieghi u ir-Russi, bil ghakal tighu.

Ua pħal Samuel il profeta, li chien deijem uaħdu u jitlob deijem l' Alla idauuar il fehmiet, rnexxielu idauuar feħmiet ta gbarat u ta regnanti !

Ah, chem ghandna ghalecch nibkghou obbligati natu kima u giħ lill Papa missier u cap ta cull ħatt !

Alla iħennieħ fuk din l' art u jaghmlu cbir kaddis.

## LILL' IMSEHBIN

L' aħua, is-sena spicciat, Alla l' imbierech ried li aħna ntemmugha u forsi ucoll nittħlu f' sena gdida. Bost'uħud b'deuu is-sena li ghaddiet u ma temmeuniex. Chelna f' din is sena il mard li kered ħafna ħlejiak u aħna ghadna ħaijn. Alla irid li aħna nisueuu xi ħagia. Ua ma ghandux x' jeħtieg min ghandna, izda ried izommna fill ħaija ghaliex irid iħennina izied fis-sena jech naghmlu opri taiba f' din l' art, u irid ucoll li aħna natu gloria lilu f' din id-digna u nuru lill' oħrain il giħ li ghandu leiħ icollna.

Mseichen ua il bniedem illi iħalli is-snin fuku ighaddu bla ma jaħseb, f' dan il fini li ghalieħ giè fid-digna ! Alla iħennina il coll bill grazia tighu f' din is-sena li geija u aħna nixtieku li intom icollcom cull hena u risk scont ma tixtieku ghal aħiar taghcom.

## L' ESPOSIZIONI VATICANA

Min Carpineto, fein il Papa tuieled, baghtulu quadru cbir, Sant' Uistin fit-tron, l' isfel omm omm u missier il Papa, missieru liebes ta colonell.--Il Contessa

Pecci-Breno tat lill Papa pianeta raccmata bid-deheb, xioghl taħħa stess,—Il Contessa Vincenti Pecci tatu papucci raccamati b' id-deheb.—Il Conti Ludovicu, Camillu u Ricardu jibghatulu fost tant ħueijeg oħra, il prodott ta l'artijet taħħom.—Il Conti Ludovicu jibghatlu legati sbieħ, xi ittri li il Papa chien jibghat lill famiglia meta chien ghadu student u fl' euuel snin tas-sacerdoziu tighu. Fostom em dich li chitbilom dich inhar li kaddes leuuel darba 50 sena ilu.—Il Capitlu tal Basilica ta Loretu baghtulu uaħda mill lbiesi li bihom izeinu il miracolusa statua tal Madonna. Uma solitu jatu xi libsa min daun meta imur emm f' Loretu xi sovran jinvista; izda din id-darba riedu jaghmlu ecch mal Papa avvoglia ma marx fis--Santuariu ta Loretu. U tauħ dich il libsa li chien ma ħueijeg oħra ħa Napugliun I fis-Saccheg li ghamel f' dach it-tesor. Dich il libsa marret Franza u maz-zmien giet moghtia lill Piu VII u dan ragia chien tagha lill Madonna ta Loretu fil 1802.—Il marchis Hachisuka ambaxiatur tal Giappone li kighet f' Parigi b' ordni mill' Imperatur sidu, li imur Ruma biex jifraħ lill Papa u jatiħ littra ta dach l' Imperatur b'rispesta ta dich il-littra li kabel chien il Papa bghatlu mal Vicariu Apastolicu ta emm·—Il P. Denza baghat bosta strumenti tal fisica u tal meteorologia.—Il Cattolicl ta Alessandria ta l' Egittu baghtu meida u caxxia intaliata, xioghol ta emm.—Il Cattolici ta Parigi mitra micsia bil gemmi preziusi·—Il Conti ta Parigi, scrivania ta ricchizza cbira u statua tal fidda Giovanna d' Arco.—Il Guardia nobili, scrivania tad-deħeb.— Il Guardia Palatina, statua' Leone XIII ibierech, tal fidda.—Il fabrica Chandon Epernay (Franza) 1000 flixcun Xiampagna.— Min Vigevano 72 pezza xiokka ghazel.—Mill' Australia 20 kantar ghuda preziusa tas-Sandlu.—Min Valenza Mitra bill brillanti, diamanti u ħagiar prezius iħor.--Cordova,

statua ta nofs kasba, S. Raffaeli, tal fidda.—Saragozza, statua tal fidda mzejna bill brillanti, il Madonna tal Pilar.—Il Cardinali tau lill Papa il medagli ta tifchira tal Giubleu tighu. Tnein tad-deħeb li jisueu £ 60 il uaħda, 50 tal fidda li jisueu £ 6 il uaħda, u ħafna oħrain tal bronz li jisueu £ 3 il uaħda, biex jatiom lill iskfiet. Is-Sur G. Baldi ta Genova baghat ħafna oggetti u cotba li jitħattu min Cristoforu Colombu li sab l' America. U maħħom ricors b' 784 firma ta iskfiet li jitolbu il Papa li issir il causa tal beatificazioni ta dac is-serv t' Alla.

···o⁐o···

## L' ISTRINA

Jinghad li mir-Rumani antichi bdeu inghatau l' istreijen. L' euuel rejet ta Ruma chienu jatu u jillkghou l' istrina jeu ir-regali fl' euuel tat-sena. Taziu re ta Ruma chien kala regal fl'euuel tas sena, frighi tal palm maktughin mil bosch ta *Strenna*, dea tal forza, ghaliex chien zmien l' idolatria. Allura ua uettak daun ir-regali ghal cull sena u ried li jisseiħu *Strenna*. F' Ruma dich inhar chienu jaghmlu il festini u jatu lill xiulxin ir-regali,

L' Imperatur Augustu chien jati ir regali u chien jilka l' Istrina min ghand is-Senat min ghand il Cavalieri u min bosta nies tal poplu. Min Ruma l' usu ta l' istrina xterdet ma bosta paijsi oħra, Il Grecia chella ucoll il festi ta l' euuel tas-sena u l' istrina u ecch xterdet ma cullumchien.

Ir-rigali ta l' istrina icunu actarx flus, jeu oggetti prezziusi : ċriechet, labar, lbiesi, jeu ħueijeg oħra ta lussu. Izda jistghu icunu ucoll streijen taiba cotba ta kari taijeb, oggetti ta devozioni jeu tifchiriet li ighalmu il virtú ?

Genituri taibin tau bosta drabi lill uliedom xbiet

tal Madonna, jeu tal kaddisin, lil uliedom biex jimitau-uom. Tauuom cotba ta esempi u taghlim taijeb, jeu curuni, medagli, crocefiss ecc. Ghalecch l'Istrina tista isservi biex natu lezioniet taiba lill min natuħ l' istri na, flistess zmin li natuħ ferħa bir-regal.

## L' ETA' TA BOSTA REIET

Gulielmu imperatur tal Germania 90 sena.—Leone XIII 77.—Gulielmu III re tal Olanda 70.—Vittoria, regina ta l' Inghilterra, 68—Francesco Giuseppe, imperatur ta l'Austria,57.—Leopoldu tal Belgiu, 52.—Luigi ta Portugal, 69.—Carlu ta Romana, 48.—Umbertu ta l' Italia, 43.—Alessandru III ta 'r-Russia, 42.—Giorgio tal Grecia, 42.—Milanu I tas-Sarbia, 32.—Ir-re ta Spagna sena bis.

## *GUARDIA D' ONORE AL S. CUORE*

L' aħħar darba ueghdna li ngheidu xi ħagia fuk din l' opra mkadsa u aun illi illum isseħ chelmtna. Din l' opera tinsab ucoll f'paijsna ghal cull min irid jissieħeb figha. Ia bdiet fi Franza fil Monasteru tal Visitazioni ta Bourg, fil 1863. Giet approvata min Piu IX li tagha ucoll l' indulgenzi u f' Ruma giet stabilita fil cnisia ta S. Vincenzo e Anastasio. Il Congrezioni ta Bourg ia Arciconfraternità ta Franza u dich ta Ruma ghall' Italia, igifieri l' oħrain jiddependu minnom.

Din l' opera ghanda b' fini taħħa, ir-riparazioni ta l' offisi u l' ingratitudini li isiru lill Kalb imkadsa ta Gesù.

Il ħsebiet u l' operi taghna jigiu offerti per mezz ta din l' opera ad unur tal kalb imkadsa ta 'r-Redentur taghna, min ghair ma inħallu l' occupazioniet taghna.

Biex jintrebħu l' indulgenzi jaħtieg illi uieħed icun mictub fuk registru ta Congregazioni unita ma

dich ta Ruma u tinghazel is sigha li nistghu naghmlu din il *ghassa* bil maniera li ghedna. Hagia li cull ħatt jista jaghmila.

L' indulgenzi uma bosta, plenarii u parziali, chif tgheid il foglia li tinghata lil cull min jinchiteb.

Ma jeħtieg li ngheidu uisk fuk opra ecch sabieħa ghaliex bosta jafu biha u minna stess ia turi il ġmiel min taħħa; biss nispicciau bill chelmiet tal B. Margarita Alacoque, li tgheid: chem ia ħelua il meut uara ħaja f' xi devozioni lein il Kalb ta Dach, li ghandu jiggiudicana!

## IL GRISMA TAL MORDA

Forsi tgheidu li ma uxloch li nitħattu aun min dan is-sacrament, actarx dan ua discors ta Cnisia, izda jen naf li intom tħobbu tisimghu fuk il ħuejieg tar-ruħ u irrid ghalecch aun nghedilcom xi ħagia fuk dach li jen ħsibt f' daun il ġranet.

Gesù Cristu gie fid-digna pħala Salvatur, mux biss ghaliex fdiena, izda ucoll ghaliex tana il-ligi Cattolica u ħallielna is-Sacramenti li uma mezzi ghas-salvazioni eterna. Oh! chem incunu ingrati leiħ u chemm incunu boloħ jecch uara dan collu nħallu il mezzi li ua tana ghal gid ta ruħna. Fost daun il mezzi jinsab is-Sacrament tal Grisma tal morda. Li ua veru Sacrament u jeħtieg illi min jersak ghal meut jircievieħ.

Ghala immela jibzghu minnu xi uħud mill' insara, jeu il famiglii ma iridux igibuħ fuk il morda taħħom.

Il Grisma fiha effetti sbieħ ghaliex:

1. Pħala sacrament ia ghanda iggib il grazia t' Alla u din tista iggieghel lill marid, jecch icun fid-dnubiet jinħafrulu, ghalchem jibkaghlu l' obbligu li ikerrom jecch icun jista.

2. Din il Grisma taħfer id-dnubiet veniali jecch icollna xi soghba taħħom.

3. Dan is-sagrament jista jaħfer ucoll mill pueni li ghandna insofru fil purgatoriu.

4. Iggib il ghainuna lill marid biex bir-rassegnazioni isofri il marda tighu.

5. Il Grisma ghanda ucoll l' effett li tfejiak lill marid mill marda, jecch icun il feikan ghall' aħiar tighu tar-ruħ.

Gia la darba ua ecch, ghaliex l' insara jibzghu min dan is-Sacrament ? ghala jatuħ lill morda meta icunu keghdin imutu ? bill ghaġla u fl' aħħar ?...

Allura ma tistax il Grisma tfejiak pħala effett li ghanda, imma irid icun miracolu tal cbir Alla.

Ghalecch nħeciu nħairu lill marid, li icun aggravat xi ftit fil marda, li jitlob u jaghmel il Grisma, ghaliex Alla uieghed dauch is-sbieħ effetti li semme na u ma ix tal biza chif jaħsbugha xi uħud.

Cbarat, pħal rejet u Papiet, talbu il Grisma u ech chif rau ruħom morda gravi, ghorrief u nies tal ghakal riedu il Grisma cmieni biex tcun tista fighom taghmel l' effetti taħħa. Ma nħallux li xi tabib jordna il Grisma uara l' aħħar ricetta li icun ghamel ghal Grisma : lè, il Grisma ghandna irridua meta incunu f' sessina u narau li il marda ia periculusa. Min jakra xi gheid S. Giacumu l' Apostolu fill' ittri tighu jara li ghedna is-seuua.

---

## COTBA

Opri tal Ven. P. Gennaro Sarnelli 14 il volum : joħroġ uieħed fix-xaghar, bit-taglian. Scell. 12 l' 14 il volum. Ediz. ta Napli Andrea e Salv. Testa.

Massini, ħajia tal kaddisin vol. 6 scell. 7—Ediz· pħal fuk.

Il Voltu Sant ta Ruma—edizioni zgheira nirriscattauua b' sitt soldi biss, f' dan l' officiu.

✝

Fit 23 ta Decembru miet fil Belt, il CAN. DR. D. FELIC CUTAJAR. Ma ghandniex bzonn ngheidu uisk fuku, ghaliex chien il bniedem maħbub min cull ħatt, is-Sacerdot li lill cull ħatt joghgiob, il ħabib ta 't-tfal u tal cbar, tal ghorrief u ta l' ignoranti. Chien uisk devot ta S. Filippu Neri u Alla taħ, pħal ma tà lill dan il kaddis, id-don tal ħleuua. Don li f' 82 sena ħajja katt ma tilfu. Contu tarauħ mdauuar dejjem bil gioventur u bit-tfal ma duaru pħallichiecu xi zaghzuħ. Id-dutrina ma ħalliex sa l' aħħar ta ħaitu, iz-zelu tal Cnisia iccompagnah sa l' aħħar, iddeliriu tighu chien il cant u il ħuejjeg tal Cnisia u l' amministrazioni tas-Sacramenti. Fil ftit granet li dàm marid, marru jarauħ mièt ta nies min ta cull grad u condizioni, chif iccompagnauħ ucoll mejjet. Alla jati il mistrieħ lir-ruħ tighu u iħennieħ fis-sema.

---

Nirricmandau lill imsieħba taghna li jiftacru fir-ruieħ ta daun ħutna, *Marianna Scicluna*, chella 24 sena, mil Belt, u *Fortunata Camilleri* ta 14 il sena min Bormla, nisperau li scont il ħaija taħħom, Alla jatiħom il mistrieħ ta dejjem.

*Requiem Æternam*

---

ĦIS-SENSIA TAL CNISIA

*Id Direzioni.*

Ghal min irid issieħeb } Fl'Istamperia ta G·Mifsud e Figlio Str. S Orsola N.187c
Ghan-naħħa l'oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato